MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 459/2002/1

**Dr. Louis Deguara u martu Dr. Maria Deguara**

**v**

**Vijay Balani**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni ppresentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' April, 2002 l-atturi ppremettew illi bis-

subbasta numru 25/97 tas-6 ta’ Gunju, 2000, l-atturi xtraw il-fond flat numru erbgha (4), Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar, proprjeta` tal-konvenut bil-prezz ta’ tmientax-il elf u mitt lira maltin li kienet jappartjeni lill-konvenut (sic); illi l-ammont tal-bejgh gie debitament depozitat u l-atti gew debitament insinwati fis-17 ta’ Novembru, 2000; illi l-konvenut m’ghandu ebda titolu validu fil-ligi; illi l-konvenut baqa’ jokkupa l-fond minghajr ebda titolu minkejja li gie debitament interpellat sabiex jizgombra l-fond, u ghalhekk kellhom jittiehdu l-odjerni proceduri; talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut qed jokkupa l-fond fuq imsemmi flat numru erbgha (4), Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar, minghajr ebda titolu validu ai termini tal-ligi;
2. tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-konvenut ghandu jizgombra mill-fond flat numru erbgha (4), Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi.

Il-konvenut, debitament notifikat bic-citazzjoni attrici, naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u b’hekk baqa’ kontumaci. It-talba tal-konvenut maghmula fl-4 ta’ Ottubru, 1992 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex l-istess konvenut jiggustifka l-kontumacja tieghu u jinghata l-fakolta` li jintavola eccezzjonijiet giet michuda b’digriet tal-1 ta’ Dicembru, 2003 billi l-istess konvenut naqas li jidher ghall-imsemmija seduta u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza b’dana li l-attur kellu jezebixxi kopja tal-atti tas-subbasta.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-12 ta’ Jannar, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ipprovdiet billi, “*fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-fond imsemmi u cioe` l-flat numru (4) erbgha go Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar minghajr titolu validu fil-ligi u tordnalu biex jizgombra mill-istess fond fi zmien tlett*

*(3) xhur millum.*" Il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ppresentat fid-29 ta' Jannar, 2004 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti hija mitluba li tannulla s-sentenza tat-12 ta' Jannar 2004 u tibaghat lura l-atti quddiem l-ewwel qorti biex tisma' l-provi dwar il-kontumaci (sic) ta' l-appellant. Bl-ispejjez kontra l-appellati.

L-aggravji mressqa mill-konvenut appellant huma tlieta u cioe` dawk elenkati b'mod succint fir-rikors ta' l-appell.
a) li l-konvenut ma jifhimx bil-lingwa Maltija u ma hux konvers bl-istess lingwa u li l-istess ufficjal tal-qorti ma qallux li kellu jmur ikellem avukat bid-dokumenti li gew mghoddija lilu;
b) li meta l-Qorti appuntat il-kawza l-appellant kien imsiefer u li l-istess qorti naqset li taghtih differiment; u
c) li l-Qorti kienet qalet li qedha tiddiferixxi ghas-sentenza ghax ma deherx, u mhux ghall-gustifikazzjoni tal-kontumaci.

**Konsiderazzjonijiet ta din il-Qorti.**

Mir-riferta tal-Purtier tal-Qorti Victor Agius a fol. 10 (tergo) tal-process jirrizulta li l-konvenut personalment gie notifikat bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh tal-kawza fit-18 ta' Gunju, 2002. Is-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 158 ta' Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi li, wara d-debita notifika tac-citazzjoni "*Il-konvenut ghandu jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*" Il-konvenut naqas li jippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet biss sitt ijiem qabel id-data meta kellha tinstema' l-kawza, b'rikors ipprezentat fl-4 ta' Ottubru, 2002, talab li jinghata l-fakolta` li jintavola eccezzjonijiet fl-atti tal-kawza, biex b'hekk ma jibqax kontumaci u l-qorti ma tkunx tista` tghaddi ghas-sentenza kif jipprovdi is-subartikolu 10 ta' l-Artikolu 158.

Fit-8 ta' Ottubru, 2002 l-ewwel qorti pprovdiet fuq it-talba tal-konvenut billi orndat in-notifika lill-kontro parti "ghal finijiet ta' tgharif" u qalet li kienet qed tirrizerva li tipprovdi dwar it-talba wara li tisma' lill-partijiet. Kien ghalhekk li fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2002 il-kawza giet differita ghas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002 "ghall-istess skop". F'dik l-udjenza l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-konvenut ghad-digriet precedenti u ordnatlu li jottempera ruhu mieghu u dan partikolarment ghall-obbligu tan-notifika lill-kontro-parti, liema notifika saret fl-10 ta' Dicembru, 2002 u giet presentata d-debita risposta.

Fis-17 ta' Frar, 2003 il-kawza giet differita ghas-26 ta' Mejju, 2003, u sussegwentement ghall-14 ta' Novembru, 2003 u finalment ghall-1 ta' Dicembru, 2003 f'liema udjenza deheru l-attur u d-difensur tieghu u d-difensur tal-konvenut. Dawn id-diferimenti kollha kienu intizi ghall-iskop imsemmi fid-digriet tat-8 ta' Ottubru, 2002 u cioe` sabiex il-Qorti, "*tipprovdi dwar it-talba* (tal-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja) *wara li tisma' lill-partijiet.*" Billi dak inhar l-konvenut naqas li jattendi quddiem il-Qorti u naqas ukoll li jiressaq il-provi dwar il-fatti kontenuti fir-rikors tieghu, il-Qorti cahdet it-talba u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2004, meta effettivament giet deciza.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut qed jilmenta li huwa ma jifhimx bil-lingwa maltija u li l-ufficjal tal-Qorti ma qallux li kellu jmur ikellem avukat. Din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju bhala mhux gustifikat ghas-segwenti ragunijiet.

a) Mill-atti tas-subbasta jidher li ma kinitx l-ewwel darba li l-konvenut kellu kwestjonijiet fil-qorti. Infatti jirrizultaw diversi atti li juru li l-kwestjoni dwar il-fond meritu ta' din il-kawza kienet ilha ghaddejja u l-istess konvenut odjern kien ipprezenta diversi rikorsi.

b) Illi in atti ma hemm ebda prova dwar dak li qed jigi allegat mill-konvenut u cioe` li huwa ma jafx jaqra bil-Malti.

B'dana kollu jigi osservat li ghalkemm ic-citazzjoni notifikata lill-konvenut hija redatta bil-lingwa maltija, l-istess konvenut seta` facilment jirrealizza li l-att li huwa kien gie notifikat bih, kien jikkoncerna l-fond proprjeta` tieghu li kien inbiegh b'licitazzjoni billi l-indirizz tal-istess fond jidher car sew fil-premessi kif ukoll fit-talba kontenuta fic-citazzjoni.

c) Illi, anke jekk ghal grazja tal-argument il-konvenut ma jafx jaqra bil-lingwa maltija, dan lanqas ma jista` jipprevalixxi ruhu minn dan il-fatt billi kif jirrizulta ampjament mir-riferta tal-ufficjal inkarigat minn notifiki, l-istess konvenut, flimkien mac-citazzjoni, gie moghti wkoll "*Estratt mill-art. 5 ta' l-Att dwar il-Proceduri Gudizzjarji (Uzu ta' l-Ilsien ingliz*)". Liema artikolu jispjega b'mod car x'ghandha taghmel persuna li titkellem bil-lingwa ingliza, f'kaz li tigi notifikata b'att gudizzjarju. Jirrizulta li l-konvenut naqas li jaghmel dak li jipprovdi l-artikolu imsemmi.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni aggravju tieghu l-konvenut appellant qed jilmenta li l-Qorti naqset li taghtih differiment – presumibilment fl-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2003 – meta allegatament huwa kien imsiefer.

Jigi osservat fir-rigward li s-safar tal-konvenut jissemma l-ewwel darba fir-rikors ta' l-appell billi fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2003, u cioe` f'dik l-okkazzjoni meta t-talba tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja giet michuda, id-difensur tal-istess konvenut ma semma xejn dwar safar u talab biss differiment biex l-konvenut jinghata l-opportunita` jikkonferma dak li huwa diga' qal fir-rikors. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut appellant ipprezenta, flimkien mar-rikors ta' l-appell – kif kellu kull dritt li jaghmel, xi dokument biex jipprova din l-allegazzjoni tieghu. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju mhux gustifikat u dana wkoll billi l-istess konvenut kien naqas li, qabel l-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2003, jipprezenta rikors b'talba ghal differiment, kif jipprovdi is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 195 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghalhekk, fil-verita`, l-ewwel qorti lanqas biss ma kienet obbligata li tikkunsidra t-talba ghad-differiment.

**Ikkunsidrat:**

L-ahhar aggravju tal-konvenut appellant huwa ghal kollox nieqes minn fondament billi fl-udjenza ta' quddiem l-ewwel qorti ta' l-1 ta' Dicembru, 2003, il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza a tenur tas-subartikolu 10 ta' l-Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li kienet giet michuda t-talba tal-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja, kontenuta fir-rikors ta' l-4 ta' Ottubru, 2002.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu u, billi dan hu appell fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn. Il-perijodu ta' tlett xhur ghall-fini ta' l-izgumbrament jibdew jiddekkorru mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------